# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Fl-atti tar-rikors ta' habeas corpus ta' Pascal Okafor (06DD015) ai termini tal-Artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Pascal Okafor datat 13 ta' Marzu 2017 li fih talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara l-arrest u d-detenzjoni tiegħu bħala illegali u konsegwentement tordna r-rilaxx tiegħu mill-arrest b'effett immedjat għar-raġunijiet dettaljatament imsemmija fl-istess rikors;

Rat id-digriet tagħha tal-istess jum li permezz tiegħu ordnat notifika immedjata lill-Avukat Ġenerali u lill-Kummissarju tal-Pulizija bi żmien sagħtejn għar-risposta;

Semgħet lill-Ispettur Mario Haber li inter alia xehed dwar il-fatt li r-rikorrent kien daħal f'Malta b'mod illegali f'Lulju 2006 u li kontra tiegħu kienet inħarġet ordni ta' tneħħija datata 17 ta' Lulju 2006.

Semgħet ukoll lir-rikorrent li spjega ċ-ċirkostanzi li fihom it-talba għall-ażil tiegħu ġiet rifjutata u li huwa anke kien skonta sentenza

ta' tminn snin priġunerija f'Malta u li wara li skontaha fid-9 ta' Marzu 2017 huwa ġie mill-ewwel meħud in detenzjoni ġewwa Ħal-Safi u għalhekk inżamm taħt arrest sa' minn dik id-data;

Rat id-dokumenti eżibiti u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Ir-rikorrent jikkwalifika bħala immigrant projbit in kwantu, minbarra l-mod tal-wasla tiegħu f'Malta b'mod illegali fl-2006, huwa *ex admissis* ġie wkoll misjub ħati ta' delitt minn qorti ta' ġudikatura kriminali (Artikolu 5(2)(e) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta). Huwa fil-fatt skonta sentenza ta' tminn snin priġunerija fid-9 ta' Marzu 2017.

Malli skonta s-sentenza tiegħu, ir-rikorrent sab ruħu konfrontat bl-eżekuzzjoni tal-ordni ta' tneħħija li kienet ħarġet fil-konfront tiegħu f'Lulju 2006 fejn l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għażel li iżomm lir-rikorrent taħt detenzjoni fuq is-saħħa tal-istess ordni ta' tneħħija.

Din l-ordni ta' detenzjoni kontra r-rikorrent ġiet eżegwita immedjatament wara li r-rikorrent skonta s-sentenza ta' priġunerija inħareġ fid-9 ta' Marzu 2017. Il-Liġi li tirregola l-validita tad-

detenzjoni hija għalhekk dik applikabbli għalbiex fil-mument li din l-ordni ta' detenzjoni inħarġet u ġiet eżegwita.

Skont l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta : -

> **14.** (1) Jekk xi persuna titqies mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li tista' tiġi ritornata bħala immigrant projbit taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5, dak l-Uffiċjal jista' joħroġ deċiżjoni ta' ritorn kontra dik il-persuna li jkollha dritt tappella kontra dik id-deċiżjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 25A.
>
> "deċiżjoni ta' ritorn" tfisser deċiżjoni maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li tgħid u tiddikjara illi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qiegħed fil-pajjiż b'mod illegali u timponi jew tiddikjara l-obbligu biex jirritorna

Il-Liġi tipprovdi proċedura speċifika sabiex persuna li tkun tikkwalifika bħala immigrant ipprojbit tkun tista' tiġi miżmuma taħt detenzjoni. Din insibuha fl-Artikolu 14(2) tal-istess Kap 217 : -

> (2) Jekk mad-deċiżjoni ta' ritorn hemm ukoll ordni ta' tneħħija, dik il-persuna li kontriha ssir dik l-ordni, tista' tinżamm taħt kustodja sakemm titneħħa minn Malta:

F'dan il-każ, għalkemm ġie pruvat li kienet inħarġet ordni ta' tneħħija, ma jirriżultax li ġiet ukoll maħruġa deċiżjoni ta' ritorn. Din il-proċedura tal-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn trid tiġi segwita sabiex persuna li tkun suġġetta għal ordni ta' tneħħija tkun issa tista' tiġi wkoll legalment detenuta. Dan ir-rekwiżiti huma kumulattivi. Sabiex tkun tista ssir detenzjoni skont il-Liġi irid ikun hemm kemm l-ordni ta' tneħħija kif ukoll id-deċiżjoni tar-ritorn.

F'dan il-każ l-Ispettur Mario Haber għall-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ikkonferma li l-ordni ta' tneħħija ġiet fil-fatt

maħruġa, iżda minn imkien ma jirriżulta li r-rikorrent kien ukoll notifikat b'deċiżjoni ta' ritorn. Dak previst minn din il-Liġi huwa strument li jillimita l-liberta tal-individwu u għalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li ladarba inħarġet l-ordni ta' tneħħija mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni allura huwa sottointiż li dan kien preċedentement ħa d-deċiżjoni tar-ritorn; jew li l-ordni ta' tneħħija tinkludi fiha d-deċiżjoni tar-ritorn. Il-Liġi illum teħtieġ li jkun hemm kemm deċiżjoni ta' ritorn kif ukoll ordni ta' tneħħija sabiex persuna tkun tista' tiġi detenuta.

Din hija kwistjoni ta' natura proċedurali. Hija l-proċedura applikabbli fil-mument li ġiet eżegwita d-detenzjoni li għandha tapplika, u dan mill-mument li din il-proċedura daħlet fis-seħħ il-quddiem. Il-fatt li l-ordni ta' tneħħija ġiet maħruġa fl-2006 ma ġġibx magħha l-konklużjoni li allura l-proċedura applikabbli kellha tkun dik viġenti fl-2006. Peress li din hija liġi ta' natura proċedurali, din għandha tapplika mill-mument li l-Liġi daħlet fis-seħħ il-quddiem.

Il-Qorti tqis li ma ġiex pruvat li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni osserva dawn iż-żewġt rekwiżiti qabel ma ġie biex fid-9 ta' Marzu 2017 jeżegwixxi d-detenzjoni tar-rikorrent. Il-bażi ta' din id-detenzjoni hija għalhekk nieqsa minn wieħed mir-rekwiżiti proċedurali u għalhekk ma tistax tibqa fis-seħħ.

# ***DECIDE***

li wara li rat l-Artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li tqis li jirriżultalha li f'dan l-istadju u fl-isfond ta' kif żvolġew il-fatti f'dan il-każ, il-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrent mhix imsejsa fuq id-disposizzjoni tal-Liġi li tawtorizza d-detenzjoni tar-rikorrent jew il-kontinwazzjoni tagħha.

Għalhekk qegħda tilqa' r-rikors u tordna li sakemm Pascal Okafor mhux qiegħed jiġi miżmum taħt detenzjoni minħabba sentenza oħra jew minħabba proċeduri penali separati u distinti minn dawk in disamina, huwa għandu jiġi meħlus mid-detenzjoni b'effett immedjat.

Il-Qorti tordna li dan id-digriet u l-atti ta' dan il-proċediment jiġi mibgħut lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien li trid il-Liġi.

***Mogħtija illum it-13 ta' Marzu 2017 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***